MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1118/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Agius]**

**vs**

**Josef Agius**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Josef Agius detentur tal-karta tal-identita` numru 124089(M).

Akkuzat talli:
Nhar it-3 ta’ Ottubru, 2012 ghall-habta ta’ 19:00hrs. minn gewwa residenza sitwata, 41, Flat 1, Triq il-Girgenti Siggiewi kkommetta serq ta’ flus kontanti u gojjelerija liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jaqbez l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 euros) ghad-detriment ta’

Nicolette Pace u Charlot Pace u jew persuni u jew persuni ohra;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi laqa' ghandu oggetti misruqa jew li gew akkwistati b'reat sew jekk dan issir f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament b'kull mod iehor indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal mhux aktar minn 116.46 Euro ghad-detriment ta' Nicolette Pace u Charlot Pace u/jew persuni ohra;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LLD b'sentenza taghha ta' nhar il-11 ta' Gunju, 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Finalment akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Ikkunsidrat:

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ipprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Rat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 278(3) u 279(b), 289, 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 qeghda isib lill-imputat Josef Agius hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------